MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Numru 2303/1999/1

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

***Pyramid Hotels Limited*; William Caruana; Edward u Kim miżżewġin Ellul; William Caruana li b’dikriet tat-23 ta’ Frar 2000 inħatar kuratur biex jidher għall-assenti Kenneth Caruana; Raymond u Angela miżżewġin Demicoli; Carmel Camilleri; u *Cloisters Walk Limited***

F’din il-kawża l-bank attur qiegħed ifittex lis-soċjetà konvenuta *Pyramid Hotels Limited* bħala debitriċi ewlenija u lill-konvenuti l-oħrajn bħala garanti *in solidum* mad-debitriċi ewlenija biex iroddu flus mogħtija lilhom b’self jew b’*overdraft*.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi bis-saħħa ta’ diversi kontratti l-bank attur kien ta lis-soċjetà konvenuta *Pyramid Hotels Limited* diversi somom ta’ flus b’self jew *overdraft* u l-konvenuti l-oħrajn daħlu garanti għar-radd ta’ dawn il-flus, min sa

ammont u min sa ammont ieħor. Meta nfetħet il-kawża d-debitriċi ewlenija kellha tagħti lill-bank attur, bħala bilanċ fil-*loan* u *overdraft accounts*, is-somma ta' disa' mija u sittax-il elf, erba' mija u wieħed u tmenin lira u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm916,481.67). Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti b'ittra uffiċjali biex iħallsu, il-bank attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tikkundanna lil *Pyramid Hotels Limited* tħallas disa' mija u sittax-il elf, erba' mija u wieħed u tmenin lira u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm916,481.67) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1999 sa meta jsir il-ħlas;
2. tikkundanna lil William Caruana *in solidum* ma' *Pyramid Hotels Limited* iħallas sitt mija u sebgħa u sittin elf, disa' mija u disgħin lira (Lm667,990) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1998 sa meta jsir il-ħlas;
3. tikkundanna lil Edward u Kim miżżewġin Ellul Caruana *in solidum* ma' *Pyramid Hotels Limited* iħallsu tliet mija u sitta u għoxrin elf u erba' mitt lira (Lm326,400) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1998 sa meta jsir il-ħlas;
4. tikkundanna lil Kenneth Caruana *in solidum* ma' *Pyramid Hotels Limited* iħallas ħames mija u tnejn u disgħin elf, disa' mija u disgħin lira (Lm592,990) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1998 sa meta jsir il-ħlas;
5. tikkundanna lil Raymond u Angela miżżewġin Demicoli *in solidum* ma' *Pyramid Hotels Limited* iħallsu mija u ħamest elef u sitt mitt lira (Lm105,600) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1998 sa meta jsir il-ħlas;
6. tikkundanna lil Carmel Camilleri *in solidum* ma' *Pyramid Hotels Limited* iħallas mija u ħamsa u tmenin elf u sitt mitt lira (Lm185,600) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1998 sa meta jsir il-ħlas; u
7. tikkundanna lil *Cloisters Walk Limited in solidum* ma' *Pyramid Hotels Limited* iħallas mitejn elf lira (Lm200,000) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1998 sa meta jsir il-ħlas.

Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' seba' ittri uffiċjali, ilkoll tad-19 ta' Jannar 1999, u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid ippreżentati flimkien maċ-ċitazzjoni.

L-eċċezzjonijiet tal-konvenuti huma miġjuba fis-sentenza mogħtija fis-27 t'Ottubru 2006, li ċaħdet dawk l-

eċċezzjonijiet ħlief dik relativa għall-*quantum* tad-dejn u l-anatoċiżmu, li dwarha sejra tingħata din is-sentenza llum. Din l-eċċezzjoni jeħtieġ li nqisuha għax, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2003[1], is-soċjetà attriċi stqarret illi "sa qabel ma twaqqfu l-kontijiet mill-attriċi jista' jkun li l-imgħaxijiet huma komposti".

Ir-regola kontra l-anatoċiżmu nsibuha b'mod ġenerali fl-art. 1142 tal-Kodiċi Ċivili:

**1142.** L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħalqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena.

u applikabbli speċifikament għall-kuntratt ta' mutwu fl-art. 1850:

**1850.** (1) Hu leċitu l-ftehim għall-imgħaxijiet fuq self, sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew ħwejjeġ oħra mobbli.

(2) Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena.

(3) Kull ftehim ieħor ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet, ma jiswiex.

Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huma ta' *ius cogens*, u, safejn maħsuba biex iħarsu l-interessi ta' min jissellef – dejjem il-kontraent dgħajjef meta mqabbel ma' min jislef – huma ta' ordni pubbliku. L-argument illi fl-art. 1142 ma hemmx dispożizzjoni bħal dik ta' l-art. 1850(3) li tgħid illi ftehim ta' anatoċiżmu ma jiswiex, u illi għalhekk l-art. 1142 huwa biss ta' *ius dispositivum* u mhux ta' *ius cogens*, ma huwiex argument tajjeb, għax l-art. 1142 jħalli li jsir ftehim ta' mgħax fuq imgħaxijiet biss bil-kondizzjoni "basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena".

Għal din ir-raġuni – *i.e.* għax id-dispożizzjoni ġenerika ta' l-art. 1142 ukoll hija ta' ordni pubbliku u ta' *ius cogens* – ma huwiex tajjeb l-argument li r-regola kontra l-anatoċiżmu tgħodd fil-każ ta' mutwu iżda mhux fil-każ ta' *overdraft*. Barra minn hekk, kif ġà kellha okkażjoni tosserva din il-qorti fis-sentenza mogħtija fis-27 t'Ottubru

[1] *Fol*. 175.

2006, meta tqis illi l-kuntratt ta' mutwu u dak ta' *overdraft*, effettivament, għandhom il-funzjoni illi jagħtu lil parti s-setgħa li tinqeda bi flus maħruġa mill-parti l-oħra, u aktar u aktar meta tqis illi l-bank għandu s-setgħa illi, *ad nutum*, iżomm il-faċilità ta' *overdraft* u jikkonverti r-relazzjoni f'waħda ta' mutwu, u meta tqis ukoll illi fil-kawża tallum il-bank ġabar il-bilanċi flimkien f'azzjoni waħda, aktar tkun impressjonat bix-xebh milli bid-differenzi bejn iż-żewġ negozji, u ċertament tasal biex tgħid illi d-differenzi ma humiex daqshekk fundamentali illi jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' norma ta' ordni pubbliku f'każ wieħed iżda u mhux ukoll fl-ieħor.

Ukoll, l-argument illi "fil-kuntratt ta' kont kurrent l-interessi jimmaturaw *ipso iure*, il-għaliex il-korrispondenti fil-kuntratt tal-kont kurrent mhumiex mutwanti iżda reċiprokament mandatarji[2]" ftit li xejn għandu relevanza għax il-kuntratt ta' *overdraft* ma huwiex il-kuntratt ta' kont kurrent regolat fl-artt. 264 sa 272 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u aktar għandu xebh mal-funzjoni ekonomika ta' self milli ta' kont kurrent klassiku.

Lanqas ma huwa tajjeb l-argument illi hemm użu tal-kummerċ, li jegħleb il-liġi ċivili, illi r-regola kontra l-anatoċiżmu ma torbotx lill-banek, kemm għax l-użu tal-kummerċ ma jegħlibx dispożizzjonjiet ta' ordni pubbliku, u kemm għax impożizzjoni tal-kontraent li jgawdi setgħa ekonomika qawwija fuq il-kontraent l-ieħor aktar dgħajjef, li jkollu joqgħod għaliha *nolens volens* u lanqas biss jitħalla jinnegozja dwarha, impożizzjoni tissejjaħ u mhux użu tal-kummerċ.

Madankollu ġurisprudenza kważi kostanti tgħid, kontra dak kollu li ngħad hawn fuq, illi l-banek tassew huma kredituri "privileġġjati" – fis-sens mhux ta' min igawdi garanzija *in re* iżda ta' min għandu jeddijiet aktar minn dawk ta' persuni oħra – u ma humiex marbutin bir-regola kontra l-anatoċiżmu. Il-pożizzjoni ġiet miġbura hekk f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta' Diċembru 2002 *in re* *__Bank of Valletta Limited versus Anna's Trading Company Limited et__*:

In riassunt … … … il-pozizzjoni legali korreta, fil-fehma ta` din il-qorti, hija:

---

2 Edwin Vassallo *versus* Salvatore Ballucci, P.A. 30 t'April 1947.

1. Li qabel id-data ta' meta ġie terminat il-kont kurrent bejn il-partijiet mill-bank attur … … … il-bank kien legalment korrett li jiddebita mgħaxijiet komposti basta li l-ogħla rata ta' mgħax ma kenitx tissupera dik ir-rata massima iffissata f'dak iż-żmien mill-Ministru tal-Finanzi jew mill-Bank Ċentrali ta' Malta. Fil-kalkolu rikjest, *in vista* ta' l-użu tal-kummerċ fuq elenkat, il-bank korrettement ukoll seta' jikkonverti l-imgħax f`kapital kull sitt xhur b'dan però li tul il-perjodu ta' sitt xhur, u allura sakemm l-imgħaxijiet jiġu hekk kapitalizzati, l-imgħaxijiet kif komposti ma setgħu qatt jissuperaw ir-rata massima permessibbli mil-liġi f`dak iż-żmien partikolari;
2. Wara d-data tat-terminazzjoni tal-kont kurrenti ma kienx aktar leċitu għall-bank appellant li jkompli jiddebita l-imgħax kompost iżda seta' biss jiddebita mgħax sempliċi. Fir-rigward ta' dan l-imgħax però lanqas ma kienet tapplika r-rata massima pprovduta fl-artiklu 986 (2) tal-Kodiċi Ċivili izda r-rata massima kif deċiża f'dak iż-żmien mill-Ministru tal-Finanzi jew mill-Bank Ċentrali ta' Malta skond il-kaz.

Din is-sentenza hija titjib fuq il-ġurisprudenza ta' qabel fis-sens illi għarfet illi l-imgħax effettiv (*annual percentage rate*) wara l-kapitalizzazzjoni ta' mgħaxijiet li jkunu ilhom anqas minn sena li għalqu ma jistax jaqbeż l-ogħla rata li tagħti l-liġi.

Fil-każ tallum, ir-rata effettiva ma taqbiżx l-ogħla rata li tagħti l-liġi fil-każ ta' kreditur "privileġġjat" bħal ma hu l-bank attur.

Għalkemm din il-qorti kif presjeduta għandha riżervi serji fid-dawl ta' dak li ngħad aktar 'il fuq dwar l-inapplikabilità tar-regola kontra l-anatoċiżmu, madankollu, billi tagħraf illi r-riżultat matematiku finali, kemm jekk tapplika mgħaxijiet b'anatoċiżmu u kemm jekk tapplika mgħaxijiet sempliċi b'rata ogħla, ikun l-istess, u għalhekk kreditur "privileġġjat" bħall-attur jista', jekk isib il-bieb magħluq, jidħol mit-tieqa billi jimponi mgħaxijiet sempliċi b'rata ogħla – ladarba l-liġi issa tatu l-privileġġ li jista' jimponi mgħaxijiet ogħla minn kemm jistgħu jitolbu persuni oħra – u wkoll billi *perseverare diabolicum*, sejra tiċħad l-eċċezzjoni ta' anatoċiżmu safejn tolqot id-dejn fl-*overdraft account*.

Il-bilanċ tad-djun kollha, jekk l-imgħaxijiet jinħadmu skond kif imfisser fuq – *i.e.* imgħaxijiet sempliċi fuq il-*loan*

*account*, u mgħaxijiet komposti fuq l-*overdraft account* sakemm jingħalaq il-kont, u mgħaxijiet sempliċi fuq il-bilanċ li jifdal – sal-1 t'Ottubru 1999 kien disa' mitt elf, mitejn u wieħed u għoxrin lira u disa' ċenteżmi (Lm900,221.09), daqs żewġ miljuni, sitta u disgħin elf, disa' mija u wieħed u ħamsin euro u sitt ċenteżmi (€2,096,951.06).

Il-qorti għalhekk, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tikkundanna lill-konvenuta *Pyramid Hotels Limited* bħala debitriċi ewlenija tħallas lis-soċjetà attriċi żewġ miljuni, sitta u disgħin elf, disa' mija u wieħed u ħamsin euro u sitt ċenteżmi (€2,096,951.06), flimkien ma' l-imgħaxijiet mill-1 t'Ottubru 1999 sa meta jsir il-ħlas, u tikkundanna wkoll lill-konvenuti l-oħra bħala garanti, kull wieħed u waħda sal-limitu mitlub fit-talbiet rispettivi u *in solidum* mad-debitriċi ewlenija.

Tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu wkoll l-ispejjeż ġudizzjarji.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------